



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Frar 2026  
(OR. en)

10574/25  
COR 1

---

Fajls Interistituzzjonali:  
2025/0162 (NLE)  
2025/0163 (NLE)

---

AELE 60  
CH 26  
MI 432

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-elettriku

---

1. Il-paġna EU/CH/ELECT/Anness I/mt 17 għandha tiġi sostitwita bil-paġna mehmuża:

- (iii) ir-referenzi għal “reġjuni magħmula minn aktar minn ħames Stati Membri” fl-Artikolu 4(4) u għal “reġjuni magħmula minn ħames Stati Membri jew inqas” fl-Artikolu 4(5), għandhom jinqraw bħala “reġjuni magħmula minn aktar minn erba’ Stati Membri tal-Unjoni u l-Iżvizzera” jew bħala “reġjuni magħmula minn erba’ Stati Membri tal-Unjoni u l-Iżvizzera jew inqas”;
- (iv) it-TCMs li kienu diġà adottati fid-data tal-iffirmar ta’ dan il-Ftehim għandhom japplikaw fl-Iżvizzera; kif ukoll
- (v) TCMs ġodda jew emendati li jiġu adottati mill-ACER f’konformità mal-proċedura stabbilita fir-Regolament (UE) 2017/2195 għandhom jiġu integrati fi żmien xahar mill-adozzjoni fl-ordni regolatorja Żvizzera mill-ARN Żvizzera. It-TCMs għandhom ikunu applikabbli b’mod proviżorju fl-Iżvizzera mid-data tal-applikazzjoni tagħhom fl-Unjoni. Kwalunkwe applikazzjoni provviżorja għandha tintemm mal-integrazzjoni fl-ordni regolatorja Żvizzera mill-ARN Żvizzera.

10. 32017 D 2196: Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2196 tal-24 ta’ Novembru 2017 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar l-emerġenza u r-restawr tal-elettriku (ĠU EU L 312, 28.11.2017, p. 54, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2196/oj>)
11. 32016 R 1388: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta’ Awwissu 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar il-konnessjoni tad-domanda (ĠU UE L 223, 18.8.2016, p. 10, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1388/oj>)

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, il-Kummissjoni għandu jkollha l-kompetenzi stabbiliti fl-Artikolu 51 ta’ dak ir-Regolament tal-Kummissjoni.

2. Il-paġna EU/CH/ELECT/Anness I/mt 19 għandha tiġi sostitwita bil-paġna mehmuża:

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/1485 għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) fir-rigward tat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji (“TCMs”) li l-adozzjoni tagħhom hija prevista skont ir-Regolament (UE) 2017/1485:
  - (i) it-TSO Żvizzeru u l-ARN Żvizzera jipparteċipaw fl-elaborazzjoni ta' kwalunkwe TCMs ġodda jew emendati, u l-kummenti tagħhom għandhom jitqiesu meta tittieħed deċiżjoni dwar it-TCMs;
  - (ii) għall-finijiet tal-votazzjoni u għalhekk biex jiġi ddeterminat jekk intlaħqux il-limiti għal maġġoranza kwalifikata, fir-rigward tal-Istati Membri jew il-popolazzjonijiet, l-Iżvizzera u l-popolazzjoni tagħha għandhom jiġu kkunsidrati;
  - (iii) ir-referenzi għal “reġjuni magħmula minn aktar minn ħames Stati Membri” fl-Artikolu 5(5) u għal “reġjuni magħmula minn ħames Stati Membri jew inqas” fl-Artikolu 5(7) għandhom jinqraw bħala “reġjuni magħmula minn aktar minn erba' Stati Membri tal-Unjoni u l-Iżvizzera” jew bħala “reġjuni magħmula minn erba' Stati Membri tal-Unjoni u l-Iżvizzera jew inqas”;
  - (iv) it-TCM li kien diġà adottat fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim għandu japplika fl-Iżvizzera; kif ukoll